**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 66**

It-Tnejn, 5 ta’ Diċembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Ray Abela** u l-Onor. Rebekah Borg*, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Omar Farrugia u l-Onor. Ian Vassallo* kienu skużati.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, l~~-Onor. Ray Abela~~**, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb, l-Onor. Ivan Bartolo, ~~l-Onor. Rebekah Borg~~*, l-Onor. Chris Said, ~~l-Onor. Ian Vassallo~~*, l-Onor. Stanley Zammit u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu assenti,

**Vide Minuti tas-Seduta 69 tat-Tnejn 12 ta’ Diċembru 2022.*
***vide minuti tas-seduta 110 tat-Tnejn 17 ta’ April 2023.*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 65 li saret fil-5 ta’ Diċembru 2022 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MILL-ISPEAKER**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 994 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim’Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Anthony Darmanin vs Avukat tal Istat et (Rikors Numru 391/2021LM), deċiża fit-12 ta’ Ottubru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

P.L. 995 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim’Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Magri vs Gregory Farrugia et (Rikors

Numru 633/2021LM), deċiża fl-14 ta' Ottubru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 996 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Antonia Cutajar vs Alfred Azzopardi et (Rikors Numru 721/2021LM), deċiża fis-26 ta' Ottubru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 997 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Antonia sive Antoinette Vella et vs l-Avukat tal Istat et (Rikors Numru 22/2022LM), deċiża fit-2 ta' Novembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

P.L. 998 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Michelle Doreen Xuereb et vs Yvonne Grech et (Rikors Numru 753/2021LM), deċiża fit-2 ta' Novembru 2022, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3701 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

P.L. 999 Lista li turi n-numru ta' rziezet tal-baqar tal-ħalib liċenzjati maqsuma skont il-lokalità f'Malta u f'Għawdex u n-numru ta' baqar f'kull lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4440;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

P.L. 1000 Tabella li turi s-siti ta' parkeġġ pubbliku f'Malta u Għawdex u n-numru ta' car park attendants liċenzjati li jaħdmu fihom, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3704; u

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu, qiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

P.L. 1001 Kopja tal-webpage Tourist Information Offices meħuda mill-website VisitMalta li tagħti tagħrif dwar l-Uffiċċji ta' Informazzjoni għat-turisti f'Malta u Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4418.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kumitat:

P.L. 1002 Standard Agreement bejn il-Gvern ta' Malta u s-Sur Alex Dalli datat 27 ta' Diċembru 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4589.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex, l-Onor. Abigail Camilleri kienet se tissostitwixxi lill-Onor. Clint Camilleri.

Bil-permess tal-Kamra, il-Kamra għaddiet għall-ewwel item tal-Ordnijiet tal-Ġurnata kif kien jidher fuq l-aġenda.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA – ABBOZZ NRU 7**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, Kap. 464" inqara t-tielet darba u għadda.

**MOZZJONIJIET**

**96. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-PREVENZJONI TAL-VJOLENZA DOMESTIKA**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jissalvagwardja l-interessi ta' persuni li jistgħu jkunu f'riskju ta' vjolenza domestika billi jistabbilixxi proċedura li tipprovdi għall-ħruġ ta' twissija ta' riskju ta' vjolenza domestika" inqara l-ewwel darba.

**97. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IKOMPLI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara l-ewwel darba.

**86. MOZZJONI SABIEX JIĠU EMENDATI L-AVVIŻ LEGALI 243 TAL-2022 - REGOLAMENTI TAL-2022 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI DWAR IL-FORNITURA TAL-ILMA U L-AVVIŻ LEGALI 244 - REGOLAMENTI TAL-2022 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI FUQ IL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU (EMENDA NRU 2)**

L-Onor. Mark Anthony Sammut ippropona:

Billi nhar l-10 ta' Ottubru 2022 il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra, ir-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma – Avviż Legali 243 tal-2022 (Leġislazzjoni Sussidjarja 545.03) u r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Emenda Nru 2) – Avviż Legali 244 tal-2022 (Leġislazzjoni Sussidarja 545.01);

Billi l-Awditur Ġenerali, f'rapport ippubblikat f'Novembru 2021, ikkonferma li minn mindu bdiet titħaddem sistema ta' kontijiet attwali tal-elettriku u tal-ilma kull xahrejn, bil-units sussidjati mqassmin pro-rata u mhux abbażi ta' konsum kumulattiv annwali, din is-sistema wasslet biex il-konsumaturi f'Malta u Għawdex qed iħallsu madwar €6.5 miljun żejda fis-sena;

Billi f'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 ta' Lulju 2022, fil-kawża fl-ismijiet Darren Cordina u n-Nutar Dottor Melvin Polidano vs Automated Revenue Management Services Limited (C-46054), il-Qorti ddikjarat li din is-sistema hija in vjolazzjoni u kontra ta' dak li tipprovdi l-Liġi Sussidjarja 545.01 u ċjoè leġislazzjoni favur il-konsumaturi u ċjoè d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur u d-Direttiva 2012/27UE dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u 2005/29UE kif trasposta f'Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern;

Billi l-Oppożizzjoni ilha żmien twil li ġibdet l-attenzjoni tal-Gvern dwar din il-materja u dan tal-inqas mill-ewwel nofs tas-sena 2018;

Billi f'Ottubru 2018, l-eks Prim Ministru Joseph Muscat innifsu ammetta li dan il-ħlas żejjed qed isir, u wiegħed li din is-sistema ser tkun ikkoreġuta matul l-2019;

Billi l-konsumaturi bdew jirċievu l-kontijiet maħduma b'din is-sistema matul l-2014;

Billi l-imsemmija żewġ Avviżi Legali qed jikkoreġu l-ħlas li ħallsu żejjed il-konsumaturi, kemm fil-konsum tal-elettriku kif ukoll fil-konsum tal-ilma, b'effett biss mill-l ta' Jannar 2022;

U billi huwa xieraq li b'sens ta' ġustizzja u b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-konsumatur, il-konsumaturi f'Malta u f'Għawdex jintraddilhom lura kwalunkwe ammont li tħallas żejjed fil-kontijiet tal-elettriku u tal-ilma minn mindu bdiet titħaddem is-sistema li wasslet għall-ħlas żejjed u ċjoè mis-sena 2014;

Għaldaqstant din il-Kamra tirrisolvi li:

1. Ir-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-llma – Avviż Legali 243 tal-2022 għandu jiġi emendat billi s-subregolament (2) tar-regolament (1), jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2014."

   u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "(2) These regulations shall be deemed to have come into force with effect from the 1st January 2014.".

2. Ir-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Emenda Nru 2) – Avviż Legali 244 tal-2022 għandu jiġi emendat billi s-subregolament (2) tar-regolament (1), jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2014."

u fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża jiġi sostitwit b'dan li ġej:
"(2) These regulations shall be deemed to have come into force with effect from the 1st January 2014.".

L-Onor. David Agius issekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-ħin tas-seduta kellu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Oppożizzjoni u kelliema tal-Gvern, bil-ftuħ u l-għeluq għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fil-5.30 p.m. id-diskussjoni kienet sospiża għal ftit minuti sabiex jiġi verbalizzat ftehim tal-Kamra.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

L-Onor. Robert Cutajar, Whip tal-Oppożizzjoni informa lill-Kamra li kien intlaħaq ftehim bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni li fis-seduta tal-għada, 6 ta' Diċembru 2022 l-Oppożizzjoni kellha teżawrixxi l-kelliema li kien fadlilha, ħlief għal wieħed, fid-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3), u li fis-seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2022, jitkellem l-aħħar kelliem li jkun fadal għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u jsir il-winding up mill-Ministru għall-Ġustizzja.

L-Onor. Andy Ellul, Whip tal-Gvern ikkonferma dan il-ftehim.

**86. MOZZJONI SABIEX JIĠU EMENDATI L-AVVIŻ LEGALI 243 TAL-2022 - REGOLAMENTI TAL-2022 LI JEMENDAW IR REGOLAMENTI DWAR IL-FORNITURA TAL-ILMA U L-AVVIŻ LEGALI 244 - REGOLAMENTI TAL-2022 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI FUQ IL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU (EMENDA NRU 2)**

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq il-Mozzjoni 86.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. David Agius, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Miriam Dalli u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1003 Estratt tat-traskrizzjoni tas-Seduta nru 192 tal-Ħdax-il Leġiżlatura tal-1 ta' Marzu 2010;

P.L. 1004 Estratt bl-isem 'Inċentivi lill-Familji' mid-dokument tal-Baġit 2009;

P.L. 1005 Artiklu li deher fuq il-gazzetta *The Times of Malta* tat-18 ta' Ġunju 2009, bl-isem 'Energy-saving bulbs finally see light of day'; u

P.L. 1006 Mistoqsija Parlamentari 18454 tal-Ħdax-il Leġiżlatura bl-isem 'Kontijiet tad-Dawl u l-Ilma' magħmula mill-Onor. Marie Louise Coleiro Preca u mwieġba mill-Onor. Tonio Fenech, Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment f'Seduta 252 tas-7 ta' Lulju 2010.

Fis-7.00 p.m., meta d-Deputy Speaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni intalbet votazzjoni, li skont ftehim milħuq ai termini tal-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 87, kellha tittieħed nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2022.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, l-Onor. Chris Bonett, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2022 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ippjanar tal-Iżvilupp | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba' | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | L-Ewwel Qari<br>Votazzjoni |

| | |
|---|---|
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 201 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 243 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma u l-Avviż Legali 244 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Emenda Nru 2) | Votazzjoni |
| Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta' Provvista<br>- Votazzjonijiet fuq l-emendi u r-riżoluzzjonijiet imressqa taħt kull Ministeru<br>- Approprjazzjoni għas-sena 2023 u Tieni Approprjazzjoni għas-sena 2022 | L-Istadji kollha |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Malcolm Paul Agius Galea u mill-Onor. Chris Bonett.

Fis-7.29 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2022 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**